MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 400/2006

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Lulju 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 400/06ISB**

**Michael Attard Holdings Limited**

**gia Michael Attard Limited (C6093)**

**Vs**

**Guido I.D. 462553 (M) u Carmen I.D. 189155 (M) konjugi Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-2 ta' Mejju 2006, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba` mija u sitta u disghin Liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm796.19), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta` attrici tal-20 ta' Gunju 2006 li permezz taghha l-ammont riklamat gie ridott bis-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin (Lm125) stante pagament fil-mori tal-kawza;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt mija u wiehed u sebghin Liri Maltin u dsatax il-centezmu (Lm671.19), bl-interessi kif mitluba fl-Avviz u

bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------